V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8886 — Avenue Capital/Pemberton/Permira/Delsey)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 144/07)

1. Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Luggs S.à r.l. (il-Lussemburgu), jappartjenu għall-Avenue Capital (l-Istati Unit tal-Amerka) ("Avenue Capital"),

— Pemberton EMMDF I (A) Holdings S.à r.l. u Pemberton Debt Holdings 1 (A) S.à r.l. (il-Lussemburgu), li tappartjeni għall-grupp Pemberton (il-Lussemburgu) ("Pemberton"),

— Permira Credit Solutions II Ristructuring SCSp (il-Lussemburgu), proprjetà tal-grupp Permira (ir-Renju Unit) ("Permira"),

— DHI Company u s-sussidjarji tagħha (Franza) ("Delsey").

Avenue Capital, Pemberton u Permira jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Delsey.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— l-impriża Avenue Capital: ditta ta' investiment li hija ffukata fuq l-investiment fid-distressed debt u fuq investimenti ta' sitwazzjonijiet speċjali oħra,

— l-impriża Pemberton: ditta ta' ġestjoni ta' assi ffukata fuq dejn privat u self dirett,

— l-impriża Permira: negozju ta' ekwità privata involut fil-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-investiment lil numru ta' fondi tal-investiment. Permira tikkontrolla għadd ta' kumpani ta' portafoll li huma attivi f'varjetà ta' setturi f'firxa ta' ġurisdizzjonijiet. Dawn jinkludu b'mod partikolari l-impriżi Allegro u Schustermann & Borenstein, li t-tnejn li huma jħaddmu siti ta' bejgħ bl-imnut online. Barra minn hekk, Permira qed twettaq attività ta' ġestjoni tad-dejn, billi tipprovdi soluzzjonijiet ta' kreditu lin-negozji, lil negozji terzi persuni,

— l-impriża Delsey: attiva fil-forniment ta' bagalji u aċċessorji relatati tal-ivvjaġġar li huma tad-ditta.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8886 — Avenue Capital/Pemberton/Permira/Delsey

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.